## 11 ta' Lulju, 1994

## Imħallfin:-

**S.T.O. Prof. Giuseppe Mifsud Bonnici, LL.D. - President**
**Onor. Carmelo A. Agius B.A., LL.D.**
**Onor. Noel V. Arrigo LL.D.**

Michael Bertuello

*versus*

Victor Cordina *pro et noe et*

## Assikurazzjoni - Aġenzija

*Kuntratt ta' assikurazzjoni ma jistax jiġi spezzettat f'parti li hu vinkolanti fuq is-soċjetà assikuratriċi estera u f'parti oħra li tivvinkola lis-soċjetà lokali. Il-kuntratt għandu jitqies bħala negozju ġuridiku wieħed u għandu jorbot lill-assikurat vis-a-vis lis-soċjetà estera assikuratriċi fil-limiti tal-mandat kemm għall dak li tniżżel fil-polza u kemm ukoll għal dak li ma tniżżilx. Hu prinċipju bażilari tal-liġi ċivili li l-kuntratti kollha għandhom jiġu esegwiti bil-bona fidi. Dana japplika aktar u aktar fil-kuntratt ta' assikurazzjoni fejn il-liġi tesiġi miż-żewġ partijiet kontraenti 'uberrima fidis'.*

Il-Qorti:-

Is-sentenza ta' l-Onorabbli Qorti tal-Kummerċ tat-13 ta' Novembru, 1991, li minnha sar l-appell preżenti taqra hekk:-

Ikkunsidrat:-

Irriżulta li l-attur daħal f'kuntratt ta' assikurazzjoni,

(*Householders Insurance Policy Number 60880328*) mas-soċjetà estera *'Black Seas and Baltic General Insurance Company Limited* biex ikopri ruħu għal ċerti riskji fosthom serq relattivament għall-kontenut tad-dar ta' l-attur (Casa Loma, Daleland Street, Qala, Gozo) għall-perjodu ta' sena mid-9 ta' Novembru, 1988;

Irriżulta li meta l-assikurazzjoni kienet fis-seħħ, xi ħallelin daħlu fid-dar ta' l-attur u minn hemm għamlu serqa għad-dannu ta' l-attur. Meta l-attur dar fuq il-kumpanija assikuratriċi biex jottjeni risarċiment għat-telf li sofra, din il-kumpanija nnegat li kienet responsabbli li tħallas;

Il-polza ta' l-assikurazzjoni kienet teskludi espressament *'cover'* għal *'loss of damage whilst the building is continuously unoccupied for a period of more than 30 days'* u l-assikurazzjoni invokat l-*exclusion clause* billi rriżulta lis-serqa ġrat meta l-attur kien imsiefer u ħalla daru battala għal aktar minn 30 ġurnata;

Ikkunsidrat:

Illi s-soċjetà estera assikuratriċi fuq imsemmija m'hijiex parti f'din il-kawża. L-attur inveċe qiegħed iħarrek lis-soċjetà Maltija *'Cordina Insurance Agency Limited'* (li tirrappresenta l-istess soċjetà estera f' Malta) adde: in testa proprja, u lil Victor Cordina (direttur tas-soċjetà Maltija) f'ismu proprju. L-attur qiegħed jippretendi risarċiment mingħand dawn is-żewġ konvenuti (jew minn minnhom) billi qiegħed isostni li huma saru responsabbli għad-danni li sofra għaliex huma jew minn minnhom iggwidaw ħażin lill-attur dwar il-poteri rappreżentativi tagħhom u aġixxew bħala *'Falsi procuratores'*;

L-attur ikkonferma bil-ġurament tiegħu, li meta ġie biex jassikura il-kontenut ta' daru, huwa kellem lil Victor Cordina, u lil dan qallu li kellu l-familja tiegħu toqgħod il-Kanada u li kien jagħmel bejn wieħed u ieħor sitt xhur f'Malta u sitt xhur fil-Kanada. L-attur xehed li Cordina ġibidlu l-attenzjoni tiegħu għall-fatt li waħda mill-klawsoli tal-polza, kienet li din ma tkoprix serq meta l-bini ma jkunx okkupat għal aktar minn 30 ġurnata. L-attur però ikkonferma li Joe Cordina spjegalu li din il-klawżola ma tiġix in operazzjoni jekk, fl-assenza tiegħu minn Malta, huwa jqabbad lil xi ħadd li jafu jew lil xi ħadd fil-qrib biex jieħu ħsieb il-post u li jidħol mill-anqas fil-post darba kull tletin ġurnata. L-attur isostni li hu stipula u kkonkluda il-kuntratt ta' assikurazzjoni fuq bażi ta' din l-interpretazzjoni li tah Cordina u bħala fatt aġixxa fuqha;

Il-verżjoni li ta Victor Cordina hija differenti. Huwa xehed li l-attur kien qallu li jkun ta' spiss ikun imsiefer għand il-familja tiegħu però Cordina fehem li ma jkunx imsiefer aktar minn xahar. Xehed li kieku l-attur qallu li se jkun sitt xhur barra minn Malta, ma kienx jassigurah;

Irriżulta li *l-'Proposal form'* li ġiet iffirmata mill-attur, bħala l-bażi tal-kuntratt ta' l-assikurazzjoni ntliet minn Victor Cordina stess wara li dan għamel il-mistoqsijiet kontenuti fuq il-formola lill-attur. Stranament il-mistoqsija numru 3, *'are you aware of any other circumstances which might effect the risk? If so give details'* tħalliet mingħajr ebda tweġiba nonostante li fil-bidu tal-formola hemm direttiva ċara '*Please answer ALL the following questions'*. Fil-ħames domanda: *'Is the dwelling regularly unoccupied by day and night? If so give details of hours of unoccupancy' sempliċement tniżżlet il-kelma 'Yes';*

Ikkunsidrat:

Illi l-Assistent Ġudizzjarju wara li ġabar il-provi (li l-punti l-aktar saljenti tagħhom biss ġew riassuniti hawn) ikkonkluda li l-verżjoni tal-fatti li ta' l-attur hija aktar kredibbli u verosimiliti mill-verżjoni li ta' l-konvenut Victor Cordina;

A bażi tal-provi miġbura din il-Qorti taqbel sostanzjalment ma' din il-konklużjoni ta' l-Assistent Ġudizzjarju, billi jidhrilha li fuq bażi ta' probabilitajiet il-fatti li waslu għall-konklużjoni tal-kuntratt ta' assikurazzjoni ġraw kif xehed li ġraw l-attur. Għalhekk din il-Qorti temmen lill-attur li hu mill-ewwel kien stqarr ma' Cordina li kien se jsiefer fit-tul u li Cordina kien irrifera għall-klawżola tat-*'30 Days continuously unoccupied'* però kien qallu li xorta waħda l-assikurazzjoni kienet tkopriħ jekk iqabbad li xi ħadd ta' fiduċja li jidħol fil-post almenu darba kull tletin ġurnata. L-attur qagħad fuq din l-interpretazzjoni tal-klawżola in kwistjoni li tah Victor Cordina u kien minħabba f'hekk li sar il-ftehim ta' bejn il-partijiet dwar l-assikurazzjoni;

Ikkunsidra:

Illi l-Assistent Ġudizzjarju imbagħad għadda biex jikkonsidra l-ewwel eċċezzjoni li ngħatat separatament miż-żewġ konvenuti. Bihom dawn il-konvenuti qegħdin isostnu li huma ma nnegozjawx f'isimhom propju ma' l-attur iżda biss in rappresentanza tas-soċjetà *estera Black Sea and Baltic General Insurance Company Limited.* Il-konklużjonijiet ta' l-Assistent Ġudizzjarju jistgħu jiġu riassunti hekk:-

1. Illi s-soċjetà estera assikuratriċi hija responsabbli vis-a-vis l-attur, ta' dak biss li tniżżel fil-polza ta' assikurazzjoni u ma tista' bl-ebda mod tkun responsabbli għal dak li ma tniżżilx;

2. Illi l-konvenut Victor Cordina estenda a benefiċċju ta' l-attur il-*cover* ta' l-assikurazzjoni f'każ li l-assikurat idum barra minn Malta għal aktar minn 30 ġurnata;

3. Illi Victor Cordina dejjem aġixxa għas-soċjetà konvenuta, qatt ma aġixxa ı ismu proprju u b'dak li għamel ma' l-attur rabat lis-soċjetà konvenuta;

4. Għalhekk Victor Cordina personalment ma kellu ebda relazzjoni ma' l-attur u għandu jiġi *liberat* mill-osservanza tal-ġudizzju.

5. Is-soċjetà *konvenuta Cordina Insurance Agency Limited* għandha tinżamm responsabbli għad-danni li seta' sofra l-attur.

Ikkunsidrat:-

Illi kif intqal qabel, l-attur u Victor Cordina taw żewġ verżjonijiet in parti konfliġġenti fuq id-diskors eżatt li sar fl-okkazzjoni tal-mili tal-*proposal form.* Diġà ntqal li din il-Qorti, fl-isfond tal-provi kollha miġbura jidhrilha li l-verżjoni ta' l-attur hija aktar verosimili u attendibbli. B'hekk jirriżulta li bil-mod kif interpreta l-*'exclusion clause'* imsemmija, Victor Cordina ġie li effettivament estenda il-kopertura tal-polza;

Inoltre għandu jiġi sottolinejat li l-*proposal form* ma ġietx *mimlija minn xi persuna kwalunkwe, iżda miċ-Chief Executive* ta' kumpanija li tisvolġi negozju ta' assikurazzjoni. La darba Victor Cordina intriga li jimla din il-formola hu stess, wieħed kien jistenna mingħandu li fuqha jirreġistra t-tagħrif kollu rikjest fiha;

Però jidher li Cordina qata' fil-qasir. Huwa ma niżżel xejn

dwar li l-attur kien imsiefer ta' spiss liema fatt Cordina stess jammetti li nġab a konjizzjoni tiegħu mill-ewwel, huwa irreġistra b'mod inadegwat ir-risposta għal 5 mistoqsija u ma rreġistra ebda risposta għat-tielet;

Il-*Managing Director* tas-soċjetà konvenuta Maurice Cordina Borg aċċetta l-ispjegazzjoni insodisfaċenti li tah Victor Cordina dwar il-fatt li kien ħalla t-tielet mistoqsija bla tweġiba u b'hekk l-operat ta' Cordina ġie notifikat mis-soċjetà konvenuta;

Ikkonsidrat:

Illi din il-Qorti taqbel li l-konvenut Victor Cordina ma kellu ebda relazzjoni ġuridika ma l-attur u dak li għamel għamlu kollu għan-nom u in rappresentanza tas-soċjetà konvenuta u konsegwentement hemm lok li l-ewwel eċċezzjoni ta' dan il-konvenut tintlaqa';

Ikkunsidrat:

Illi din il-Qorti ma tistax tikkondividi, bir-rispett kollu, l-ewwel konklużjoni ta' l-Assistent Ġudizzjarju. Kif sewwa osserva d-difensur tal-konvenuti, il-kuntratt ta' l-assikurazzjoni in kwistjoni ma jistax jiġi spezzettat f'parti li hu vinkolanti fuq is-soċjetà estera u f'parti oħra li tivvinkola lis-soċjetà konvenuta. Il-kuntratt, inveċe għandu jitqies bħala negozju ġuridiku wieħed cjoè *'quid unum'* u għandu jorbot *lill-attur vis-a-vis is-soċjetà* estera assikuratriċi **fil-limiti tal-mandat**, kemm għal dak li tniżżel fil-polza u kemm ukoll għal dak li ma tniżżilx. S'intendi hawnhekk il-Qorti qiegħda tirreferi għall-interpretazzjoni mogħtija minn Victor Cordina lill-imsemmija *'exclusion clause'* u cjoè li din il-klawżola ma tkunx applikabbli jekk l-attur

jassikura li l-post jaghtih daqqa t'ghajn xi hadd ta' fiduċja u li dan jidhol fil-post mill-anqas darba kull tletin ġurnata;

Dan hu hekk ghaliex jekk hu prinċipju basilari tal-liġi Ċivili li l-kuntratti kollha ghandhom jiġu esegwiti bil-bona fidi, dana japplika aktar u aktar fil-kuntratt ta' l-assikurazzjoni fejn il-liġi tesiġi miż-żewġ partijiet kontraenti *uberrima fides*;

Ikkunsidrat:

Illi l-attur qieghed isostni illi l-konvenuti kellhom is-setgha li jirrappreżentaw lis-soċjetà estera biss fil-limiti ta' dak li tghid il-polza. Isostni illi meta l-konvenuti weghdu lill-attur kopertura oltre dik indikata fil-polza, huma eċċedew il-poter rappreżentattiv taghhom u dahlu responsabbli huma stess personalment ghad-danni sofferti mill-attur, la darba ma baqghux jaġixxu f'isem is-soċjetà estera;

L-attur isostni illi kien ghalhekk li ppropona l-kawża odjerna kontra l-konvenuti u mhux kontra s-soċjetà estera u konsegwentement ma kienx hemm lok li l-konvenuti jiġu liberati mill-osservanza tal-ġudizzju;

Illi bir-rispett kollu, din il-Qorti ma tistax taqbel ma' dan ir-raġunament billi, fil-fehma konsiderata taghha, ma jidhirliex li l-operat tal-konvenuti fil-każ odjern, kien joltrepassa, jeċċedi jew jesorbita mill-poteri rappreżentativi assenjati lilhom mis-soċjetà estera. Is-soċjetà konvenuta ma nghatatx biss is-setgha li sempliċement taċċetta riskji li jaqghu strettament taht l-istandard *clauses* tal-Polza. Dawn il-kondizzjonijiet kellha l-poter li tvarjahom u ghal dan il-fini kellha s-setgha li tendorsja l-polza b'pattijiet jew *'endorsements'* partikolari;

Jekk is-soċjetà konvenuta kellha l-poter li **tvarja** l-kondizzjonijiet tal-polza, kemm aktar kellha l-poter li **tinterpreta** l-istess kondizzjonijiet. Fil-fehma tal-Qorti, is-soċjetà konvenuta neċessarjament kellha l-poter li tagħti interpretazzjoni tal-klawżoli tal-polza lill-klijenti tagħha. Dan il-poter jirrientra fil-kors ordinarju u normali tax-xogħol ta' assikurazzjoni svolt mis-soċjetà konvenuta u hu poter meħtieġ għall-esekuzzjoni tal-mandat konferit fuqha mis-soċjetà estera;

Illi fil-każ odjern, il-kopertura aktar estensiva minn dik strettament stipulata fil-polza oriġinat minn interpretazzjoni pjuttost liberali li rriżulta li ngħatat lill-attur għall-*'exlusion clause'* imsemmija. Il-fatt li ma tniżżlitx bil-miktub bħala *'endorsement'* ma jippreġudikax id-drittijiet ta' l-attur. Kien direttur stess tas-soċjetà konvenuta li ta parir lill-attur x'għandu jagħmel biex dik il-klawżola ma tkunx applikabbli għalih u ċertament ma kien hemm ebda negliġenza da parti ta' l-attur li qagħad u mexa fuq il-parir li rċieva mingħand persuna li suppost li kienet kwalifikata biex tagħtih tali parir;

Fil-fehma tal-Qorti l-parir li ngħata l-attur dwar l-esekuzzjoni tal-kuntratt ta' assikurazzjoni in kwistjoni jorbot lis-soċjetà estera, billi dan il-parir ngħata minn rappreżentant debitu tagħha li aġixxa, **tajjeb jew ħażin**, fil-limiti tal-poteri konferiti fuqu mis-soċjetà estera. Ċertament, is-soċjetà estera ma tistax, viż-a-viż l-attur, tgħid li m'hijiex responsabbli, billi l-interpretazzjoni li ngħatat għall-klawżola in kwistjoni ma kinitx waħda korretta u ma kinitx taqbel magħha. Dana a tenur ta' l-artikolu 50 tal-Kodiċi tal-Kummerċ (Kap. 13) li jipprovdi li l-atti kollha magħmulin mir-rappreżentant għall-prinċipal, fil-limiti tas-setgħat tiegħu, iġibu direttament l-effett tagħhom favur jew kontra l-prinċipal;

Illi konsegwentement hija preċiżament is-soċjetà estera li għandha twieġeb għal dak kollu li, tajjeb jew ħażin, għamlet is-soċjetà konvenuta fil-konfront ta' l-attur in konnessjoni mal-kuntratt ta' assikurazzjoni in kwistjoni;

Għalhekk is-soċjetà konvenuta ma kellhiex għalfejn tiġi mħarrka in testa proprja u għalhekk hemm lok li l-ewwel eċċezzjoni tagħha tintlaqa';

Għal dawn il-mottivi:-

Tiddeċiedi billi, tilqa' l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti Victor Cordina u Maurice Cordina Borg li taw f'isem is-soċjetà konvenuta *Cordina Insurance Agency Limited* u tilqa' wkoll l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut Victor Cordina, f'ismu propju. Konsegwentement tillibera lill-konvenuti kollha mill-osservanza tal-ġudizzju;

Minħabba n-novità tal-punti legali trattati, fiċ-ċirkostanzi, l-ispejjeż tal-kawża jibqgħu bla taxxa bejn il-kontendenti;

Jibqa' espressament riservat kull dritt *'si et quatenus'* li l-attur jista' jkollu fil-konfront tas-soċjetà estera *'Black Sea and Baltic General Insurance Company Limited'*;

Rat in-nota ta' l-appell ta' l-attur u l-petizzjoni ta' l-appell tiegħu li permezz tagħha talab li din il-Qorti jogħġobha tirrevoka is-sentenza appellata billi tiċħad l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut Victor Cordina proprju u l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti Victor Cordina u Maurice Cordina Borg nomine u konsegwentement tilqa' l-ewwel talba ta' l-attur u tibgħat l-atti lura lill-ewwel Onorabbli Qorti għal-kontinwazzjoni dwar it-talbiet l-oħra ta' l-attur, bl-ispejjeż kontra l-konvenuti proprju et nomine;

Rat ir-risposta ta' l-appell ta' l-appellati;

Rat l-atti kollha tal-kawża u d-dokumenti esibiti;

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkonsidrat;

L-appellant jissottometti illi:

a) l-ewwel Onorabbli Qorti ma apprezzatx biżżejjed li hu mhux qed jitlob li jiġi indennizzat skond il-kuntratt, għax jaf li l-konvenuti mhuwiex parti f'dak il-kuntratt. Mhux qed jippretendi li la darba s-soċjetà estera' mhix marbuta li tindennizzah kontra t-telf skond il-kuntratt, għandhom ikunu marbutin li jindennizzawh skond il-kuntratt il-konvenuti, iżda huwa qed jibbaża it-talbiet tiegħu fuq il-fatt li l-konvenuti tawh parir ħażin u naqsu li jorbtu lis-soċjetà estera skond il-parir;

b) In-nuqqas kien tal-konvenuti u dan jidher mhux biss mill mod kif intliet il-*proposal form,* iżda anke mill-mod kif taw interpretazzjoni pjuttost liberali tal-Polza bla ma ħadu ħsieb li jinserixxu *endorsement* li jassikura d-drittijiet ta' l-attur;

c) Il-konvenuti stess qed jgħidu li bil-parir tagħhom ma rabtux lis-soċjetà estera, għax dan l-irbit isir biss permezz ta' *endorsement* formali tal-Polza. Għalhekk imxew bħala falzi *procuratores* u għandhom iwieġbu għal dan in-nuqqas tagħhom;

d) L-aġir ta' l-appellati mhux skrupolożament kompatibbli ma' dik l-*uberrima fides* mistennija minn min jiġġestixxi negozju ta' assikurazzjoni;

e) Minħabba dan in-nuqqas tal-konvenuti li jorbtu lis-soċjetà estera kif suppost, huwa sofra danni, għax sab ruħu bla *insurance cover* billi l-appellati mexxewh ħażin;

f) Għal dan in-nuqqas tagħhom, il-konvenuti appellati għandhom iwieġbu, mhux għax marbutin bil-Polza, iżda skond il-prinċipji ġenerali tad-dritt li min, b'nuqqas tiegħu, jagħmel ħsara lil ħaddieħor, għandu iwieġeb għaliha;

Ikkonsidrat:

Din il-Qorti tara li għalkemm huwa vera li anki mill-istess korp taċ-ċitazzjoni jemerġi li l-attur qed jipprova jisganċja il-pretensjoni tiegħu mill-kuntratt ta' assikurazzjoni li ġa ssemma u jipprova jaddossa responsabbilità personali fuq il-konvenuti kif ċitati, fl-istess ħin, però fl-istess ħin jidher li l-appellant qed jinjora diversi fatti li huma determinanti għal fini ta' din il-kawża;

Infatti jiġi osservat fl-ewwel lok illi minn imkien ma jidher li f'xi ħin waqt in-negozjati dwar l-assikuazzjoni il-konvenut Victor Cordina kien qed jaġixxi personalment jew li kull parir li seta' ta lill-attur tagħulu fuq bażi personali. Anzi il-provi huma tali li Victor Cordina kien qed jaġixxi bħala funzjonarju tas-soċjetà tiegħu u dan in kwantu din kienet taġixxi bħala aġent tas-soċjetà assikuratriċi estera imsemmija. Għalhekk ċertament ma jistax ikun hemm dubbju illi kwantu l-istess Victor Cordina ġie *imħarrek personalment il-konklużjoni ta' l-ewwel Onorabbli* Qorti hija ineċċepibblli u għalhekk is-sentenza appellata in kwantu illiberatu mill-osservanza tal-ġudizzju ser tiġi konfermata;

Kwantu jirrigwarda iċ-ċitazzjoni tas-soċjetà konvenuta għandu jiġi osservat dan li ġej. Mill-provi jirriżulta li din is-

soċjetà ma tassikurax hi iżda taġixxi bħala aġent tas-soċjetà estera *Black Sea and Baltic General Insurance Company Limited.* Jekk il-konvenut Victor Cordina ma aġixxiex personalment, iżda aġixxa f'isem is-soċjetà konvenuta, similment, din is-soċjetà ma aġixxietx bħala soċjetà proprju iżda f'isem is-soċjetà assikuratriċi estera imsemmija li tagħha hija l-aġent f'Malta;

Il-pożizzjoni kif temerġi għalhekk hija waħda sempliċi. Il-bażi kienet għadha u bil-fors trid tibqa' tikkonsisti fil-kuntratt ta' assikurazzjoni li jissemma fiċ-ċitazzjoni. Jekk dan il-kuntratt ma ġiex konċepit konkluż u esegwit *in uberrime fide*, jew jekk l-attur jippretendi li ġie żgwidat *minn min* evidentement kien inkarigat u kien qed jaġixxi bħala aġent tas-soċjetà assikuratriċi, is-soluzzjoni ma kinitx li jitħarrek l-aġent, jew is-soċjetà konvenuta *de propju* iżda li se mai din titħarrek bħala aġent tas-soċjetà assikuratriċi estera li ultimament hija dejjem responsabbli għal dak li ġie kontrattat għan-nom tagħha mis-soċjetà konvenuta. Jekk l-appellant ġie ingannat, jew żgwidat, f'kuntratt ta' assikuratriċi dan tirrispondi għalih is-soċjetà assikuratriċi u mhux l-aġent de proprju u għalhekk fil-fehma tal-Qorti l-azzjoni odjerna ġiet konċepita ħażin u kellha tiġi diretta dejjem fil-konfront tas-soċjetà assikuratriċi.

Għal dawn il-mottivi, l-appell qed jiġi respint u s-sentenza appellata qed tiġi konfermata. L-ispejjeż ta' din l-istanza ikunu a kariku ta' l-appellant.